# Dun Joe Abela Maħtur Kanonku ta' Bormla


Il-Kanonku: Dun Joe Abela

**D**un Joe Abela twieled fiż-Żejtun nhar l-ewwel ta' Novembru, 1931, studja fl-Iskola Primarja fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, fi żmien meta l-familja tiegħu fiż-Żejtun laqgħet fid-dar tagħha żewġ familji rifuġjati minn Bormla, u għadda għall-Liceo fl-1943.

**D**un Joe daħal l-Universita ta' Malta fl-1948, u sentejn wara fis-seminarju Maġġuri, li dak iż-żmien kien fil-Furjana, fejn illum tinsab il-Kurja ta' l-Arcisqof. Fl-1952 iggradwa B.A.(Hons.) fil-Lingwa u Letteratura Ingliża. Ġie ordnat saċerdot minn Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi fl-1956,meta ggradwa wkoll Lic.D. Fuq borża ta' studju mill-Universita ta'Malta, hu kompla jistudja fl-Universita' Gregorjana ta'Ruma, fejn speċjalizza fl-Istorja tal-Knisja u ħa l-grad ta' H.E.L.

**M**ill-1960 'l hawn dejjem għallem, l-ewwel l-Ingliż fis-Senior classes tas-seminarju Minuri, u dawn l-aħħar snin għallem ukoll l-Istorja ta' Malta u ta' l-Ewropa. Għal numru ta' snin kien direttur tal-kors għar-Reliġjużi, fejn ukoll għallem l-Istorja tal-Knisja. Il-ħidma pastorali tiegħu wettaqha prinċipalment fiż-Żejtun, fejn għamel snin "chaplin" taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (sezzjoni xebbiet) u Ċerimonjier fil-Knisja parrokkjali.Għadda żmien inkarigat miż-Żona ta' Bir-id-Deheb u segretarju amministrativ tar-rivista tal-kleru "Pastor". Is-sena li għaddiet Mons.Arcisqof ħatru Uditur fit-Tribunal tal-Knisja.

**D**un Joe hu awtur ta' bosta artikli ta' natura storika. Ippublika wkoll diversi monografiji, fosthom "Il-Parroċċa taż-Żejtun fis-seklu XV" u "Iż-Żejtun Mitt Sena Arcipretali".Barra minn hekk, ippublika ktejjeb dwar l-Istorja tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena, Bir-id-Deheb. Iżda l-aqwa biċċa xogħol tiegħu li ħaditlu żmien ġmielu ta' riċerka fl-arkivji parrokjali, fosthom taż-Żejtun u ta' Bormla, u dawk nazzjonali,hu l-istudju "300 Sena Ilu" , li Dun Joe ippublika fl-1992, meta il-parroċċa taż-Żejtun fakkretit-tielet ċentinarju mit-tqegħid ta' l-ewwel Ġebla tal-knisja parrokkjali prezenti.F' dan l-istudju Dun Joe iddedika kapitolu sħiħ lill-Kapumastru Xandru Pulis, l-imgħallem Bormliż li bena l-knisja taż-Żejtun.

**I**ċ-ċerimonja tal-Pussess tal-Kanonikat immexxija minn Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali, fil-Knisja Kolleġġjali ta' Bormla, se ssir nhar il-Ħadd, 6 ta' Ġunju, Festa tat-Trinita' Mqaddsa.

## Nifirħulek!

Is-saċerdoti tal-Parroċċa flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, il-membri ta' l-għaqdiet u l-komunita' kollha tal-Parroċċa taż-Żejtun jifirħu lil Dun Joe Abela fil-ħatra tiegħu bħala Kanoniku tal-Kolleġjata ta' Bormla u jwegħduh it-talb tagħhom. Jalla l-Mulej iħarsu biex ikompli jgħix b'mod eżemplari s-sejħa tiegħu ta' saċerdot mimli mħabba.